MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1701/2001/1

**Francis Agius**

**vs**

**Dr. Chris Cilia u l-P.L. Liliana Buhagiar nominati b'digriet tat-30 ta' Awissu 2001 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezenaw lill-assenti Lina Agius.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur Francis Agius u l-konvenuta Lina Agius izzewgu fis-17 ta' Marzu 2000 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ma twieldu ebda wlied;

Illi l-konvenuta Lina Agius irrendiet ruhha hatja lejn l-attur ta' abbandun u adulterju, b'konsegwenza li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli;

Illi l-attur gie debitament awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali (Dok. "B");

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Agius minhabba adulterju u abbandun li l-imsemmija Lina Agius ikkommettiet fuq zewgha;

2. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

3. Tikkundanna lill-konvenuta tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tieghu;

4. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr. Chris Cilia u P.L. Liliana Buhagiar datata 10 ta' Jannar 2002 a fol. 11 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirriservaw d-dritt illi jipprezentaw eccezzjonijiet

fil-mertu wara li jkunu kkommunikaw mal-assenti Lina Agius.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi deputati a fol. 11 u 12 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenuti Dr. Chris Cilia u P.L. Liliana Buhagiar nominati bhala kuraturi deputati datat 11 ta’ Jannar 2002, fejn talbu sabiex il-Qorti tordna lill-attur ihallas depozitu versu l-ispejjez u drittijiet tal-esponenti f’dik is-somma li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha li tkun xierqa u opportuna.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-20 ta’ Frar 2002 fejn wara li rat li minkejja li gie debitament ingunt baqghet dahlet ebda risposta, u ghalhekk f’dan l-istadju cahdet it-talba b’dan li rriservat id-dritt li r-rikorrenti jipproponu l-istess talba fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbali tas-6 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-25 ta’ April 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Paul Farrugia biex jisma’ l-provi kollha tal-partijiet.

Rat in-nota tal-kuraturi deputati Dr. Chis Cilia *et noe* datata 2 ta’ Mejju 2002, li permezz taghha pprezentaw zewg dokumenti.

Rat in-nota tal-attur datata 13 ta’ Gunju 2002 li permezz taghha esebixxa affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Novembru 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-3 ta’ Dicembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza maghmula mill-attur fejn huwa qed jitlob li jisseppara minn ma' martu peress li huwa qed jallega li hija kienet kkommettiet adulterju u wkoll abbandunatu.

Illi l-provi prodotti mill-attur jikkonsistu f'affidavit tieghu fejn huwa jsostni u xehed li huma kienu zzewgu fis-17 ta' Marzu 2000, u l-konvenuta kienet ta' nazzjonalita' Ukrajna, u zzewweg malajr ghaliex kien ser taghlqilha l-visa u kienet titkecca minn Malta.

Illi damu jghixu flimkien biss disa' (9) xhur, u f'dan iz-zmien kien hemm diversi problemi, skond l-attur naxxenti mill-fatt li huwa kien jahdem bil-lejl u l-istess konvenuta kienet tiehu l-okkazjoni u tohorg ma' hbiebha, tant li sahansitra darba minnhom ma marritx lura d-dar hlief wara erbat (4) ijiem.

Illi f'okkazjoni minnhom dahlet id-dar u skond l-attur din kienet l-ahhar darba li raha ghaliex wara abbandunat id-dar konjugali.  Illi fil-fatt l-istess attur jghid testwalment:-

*"…… indunajt li kellha hafna flus f'idejha. Staqsejtha minn fejn gew dawn il-flus imma hija ma qaltlix. Jiena kont irrabjajt ghax stajt nobsor x'kien il-kaz.  Lina riedet ittini l-flus  biex tibqa' Malta imma jiena ma accettajtx. Imbaghad telqet mid-dar u marret lura lejn pajjizha, l-Ukrajna.  Minn dakinhar ma rgajtx rajtha.  Nghid li kienet cemplitli u regghat offrietli l-flus biex tigi lura Malta imma jiena ma accettajtx din il-proposta".*

Illi l-istess kontendenti ma kellhomx tfal miz-zwieg, il-konvenuta qatt ma hadmet u kienet tigi mantnuta mill-attur, u l-affarijiet li kellha hadithom kollha maghha, filwaqt li l-oggetti li baqa' fil-post fejn kienu jghammru kienu tal-attur qabel iz-zwieg.

Illi minn dan jidher li l-ewwel (1) talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi ta' adulterju; it-tieni (2) talba ghandha tigi milqugha biss ghal dak li huwa x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u mill-bqija jinghad li jidher li ma kien hemm ebda assi fl-istess komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk la

hemm x'jigi likwidat u wisq anqas diviz; it-tielet (3) talba ghandha tigi michuda *stante* li mill-provi prodotti jirrizulta li l-beni parafernali tal-attur dejjem baqghu fil-pussess tieghu; u fl-ahharnett ir-raba' (4) talba ghandha tigi milqugha b'dan li ghandhom japplikaw kontra l-konvenuta assenti d-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq premess u hawn deciz, u fil-waqt li **tichad it-tielet talba attrici** *stante* li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuta hadet xi assi parafernali tal-attur, **tilqa' l-ewwel (1), it-tieni (2), u r-raba' (4) talba attrici** fis-sens biss hawn premess u b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Agius minhabba adulterju li l-imsemmija konvenuta Lina Agius ikkommettiet fuq zewgha;

2. Tordna ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet, izda peress li din ma jidhirx li kienet tikkonsisti f'xi assi ta' valur, tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

3. Tichad it-tielet talba *stante* li mill-provi jirrizulta li l-attur baqa' fil-pussess tal-assi parafernali tieghu w allura ma hemmx lok li l-konvenuta tigi kkundannata tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tieghu;

4. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta' l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**3 ta' Dicembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Dicembru 2002**